MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 5/2006

**David Grima (Karta ta' l-Identita' Numru 307860 (M)).**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' David Grima datat 11 ta' April 2006 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:

1.1 Fid-9 ta' Awissu 2004 l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq skond l-Artikoli 51 u 52 ta' l-Att I ta' l-1992 kontra David Grima personalment, Avviz li jgib in-numru ECH 275/04.

1.2 Il-ksur tal-kontroll indikat fl-Avviz gie deskritt bhala li “ghandek zvilupp mhux skond il-pjanti approvati fil-permess PA 1842/03 datat 9 ta’ Dicembru 2003 billi sar bdil ta’ uzu parti mis-sit minn “*refreshment area*” ghall-“*cafeteria*”. Is-sit indikat huwa Bristow Potteries, Crafts Village, Ta’ Qali, Attard. L-istess Avviz kellu fih l-ordni sabiex fi zmien 16-il gurnata ghandu jitnehha kull haga li ghandek minghajr permess u tregga’ is-sit lura ghal kif approvat fil-permess PA 1842/03.

1.3 Sar appell minn dan l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq mill-appellant David Grima, fejn gew indikati s-segwenti aggravji;

a) Ma jezisti ebda bdil ta’ uzu kif allegat ghad illi dik il-parti mis-sit li kellha l-approvazzjoni l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex iservi *refreshment area* qieghda fil-fatt isservi ta’ *refreshment area*;

b) Id-definizzjoni ta’ *refreshment* skond l-*Oxford English Reference Dictionary* hija: “food or drink that refreshes” sabiex *refreshment area* tista’ tfisser biss *area* fejn jigi provdut ikel u xorb.

c) Id-definizzjoni ta’ *cafeteria* skond l-Oxford English Reference Dictionary hija: *“a restaurant in which customers collect their meals on trays at a counter and usually pay before sitting down to eat”.* Fl-Ispanjol ta’ l-Amerika l-kelma *‘cafeteria’* ghandha sinifikat ta’ *“coffee shop”*.

d) Dik il-parti mis-sit li ghaliha qed issir riferenza fl-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq ma hija xejn hlief post fejn vizitaturi tax-*showroom* u *craft’s workshop* tal-Bristow Potteries jieqfu sabiex jinfriskaw ruhhom billi jiehdu xi xarba u/jew *snack* filwaqt li jaraw prezentazzjoni audio-vizzwali tal-process ta’ manifattura ta’ oggetti tal-fuhhar u tizjin ta’ l-istess oggetti. B’hekk minn ezami fiziku ta’ dak li fattwalment qieghed isehh f’dik il-parti li ghaliha qieghda ssir riferenza fl-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq ghandu jirrizulta lil dan ir-Rispettabbli Bord li l-attivita` hija dik ta’

*refreshment* u mhux *cafeteria*. Fin-nuqqas ta’ definizzjoni tal-kelma *refreshement area* u tal-kelma *cafeteria* fl-Atti Numru I tal-1992 u fir-regolamenti rilevanti u mahruga tahtu wiehed ghandu jirpoza fuq id-definizzjonijiet kontenuti f’dawk li huma l-ahjar sorsi ta’ sinifikat tal-kliem cioe` d-dizzjunarju. Skond is-sinjifikat tal-kliem *refreshment area* ma sehh ebda tibdil fl-uzu ta’ dik il-parti li skond il-permess mahrug kellha sservi ghal *refreshment area* bil-konsegwenza li dak allegat fl-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq ma sehhx u jinsab bbazat fuq fatti skorretti, fattwalment minghajr bazi u addirittura inveritieri.

e) L-operazzjoni minn din ir-*refreshment area* hija munita bil-permessi l-ohra kollha mehtiega cioe` dawk tal-Malta Tourism Authority, tad-Dipartiment tas-Sahha u ta’ awtoritajiet ohra kompetenti u dan kif jigi muri f’dettal waqt is-smigh ta’ dan l-Appell.

1.4 L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ippjanar fit-twegiba taghha ssottomettiet illi:

a) L-Avviz inhareg *stante* li parti mill-kumpens qed jintuza bhala *cafeteria*. Tant hu hekk li l-istess appellant ghamel tabella fuq barra “Bristow Poteries & Café`”;

b) Minflok l-istess uzu fil-premess ta’ *presentation area* (*audio visual*), li kienet l-applikazzjoni msemmija (PA 1842/03) fejn gie inkluz fil-pjanti “*refreshment area*” saret *cafeteria* normali f’ din l-*area* kollha;

c) L-istess *enforcement manager* Ruben Abela kkonstata li din l-*audio-visual presentation area* hi munita b’siggijiet u mwejjed fejn jinbieghu *drinks*, xorb alkoholiku u ikel bhal kull *cafeteria* normali, minghajr ma wiehed joqghod jilghab bil-kliem;

d) Ghaldaqstant l-appell ghandu jigi rifjutat u l-avviz ikkonfermat.

2. Illi b’decizjoni tad-29 ta’ Marzu 2006 il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell tas-socjeta`

appellanti u kkonferma l-Avviz biex Tieqaf u Twettieq tal-15 ta’ Mejju 2001.

3. Illi l-appellant hass ruhu aggravat b’din id-decizjoni u minnha qieghed jitlob appell ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ghat-tenur ta’ l-Artikolu 15 ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp.

4. Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

4.1 *In linea* preliminari, in-nullita` tad-decizjoni *stante* li din inghatat b’*occhio* zbaljat u cioe` mhux dak li bih kienet intavolata l-applikazzjoni quddiem il-Bord ta’ Appell dwar l-Ippjanar mill-appellant u cioe` “David Grima vs l-Awtorita` ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar”. Kif irrelevant l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (kompetenza Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe” [Citaz. Nru. 353/1986] deciza fit-28 ta’ Frar 1987 dan huwa zball ta’ sustanza sollevabbli “ex officio” in kwantu hu l-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u hu car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat. F’dik il-kawza dak li gara kien li l-*occhio* li bih kienet intavolata l-kawza kien “Joseph Busuttil vs Av. Dott. John Mamo noe” waqt li s-sentenza tal-Prim’ istanza kienet indikat *occhio* zbaljat u cioe` “John Busuttil vs Av. Dottor John Mamo noe”. Fil-kaz in ezami l-izball huwa aktar sostanzjali ghaliex addirittura jinkludi isem ta’ entita` jew korp assolutament estraneju ghall-kwistjoni li kien hemm quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar. Infatti l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ma hargitx l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq mertu tal-vertenza quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u ghalhekk ma setghetx u ma kellha qatt tkun parti f’dan il-process bil-konsegwenza li d-decizjoni kif moghtija hija rregolari ghad illi tippresupponi necessarjament li dan l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq hareg mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp meta effettivament hareg mill-

Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar. Fl-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell inghad testwalment: "….Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghaliex ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kienux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet fil-kawza. U *una volta* l-partijiet ma kienux identici ghal dawk li aggixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment diffettuza u ghandha tigi annullata. Ghaldaqstant billi s-sentenza appellata ma gietx pronunzjata fil-konfront tal-partijiet kollha fl-istess kawza ma hemmx rimedju iehor hlief li l-istess sentenza tigi annullata u l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex din taghmel dak li jidhrilha necessarju biex tiddetermina l-kawza."

4.2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ddecieda dwar kwistjonijiet li f'ebda waqt ma ntalab sabiex jiddeciedi cioe` l-ezistenza *o meno* ta' bdil ta' uzu. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kellu quddiemu Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq li kien jghid jezisti zvilupp mhux skond il-pjanti approvati fil-permess PA 1824/03 datat 9 ta' Dicembru 2003 **billi sar bdil ta' uzu ta' parti mis-sit minn "refreshment area" ghall-*cafeteria***. Il-kwistjoni li ghalhekk kellha tigi deciza kienet jekk kienx sehh bdil fl-uzu minn *refreshment area* ghall-cafeterija li konsegwentement kien jikkostitwixxi ksur tal-pjanti. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecidiex dan izda ddecieda li l-izvilupp li sar ma kienx skond il-pjanti approvati ghad illi r-*refreshment area* hija ndikata bhala parti zghira fuq il-pjanta. F' ebda parti tad-decizzjoni tieghu l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar ma ppronunzja ruhu dwar il-kwistjoni principali tal-bdil ta' uzu u li konsegwenza taghha seta' jigi deciz li kien hemm ksur tal-pjanti approvati skond l-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq. Lanqas jezistu xi pronunzjament dwar dak li l-appellant stqarr fl-applikazzjoni tieghu quddiem l-istess

Bord cioe` li l-bdil ta’ uzu kif allegat mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar skond l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq ma sehhx ghad illi l-*area* in kwistjoni kienet qieghda tintuza bhala *refreshment area* kif qieghed jghid il-permess approvat. Isegwi ghalhekk li l-vertenza *ut sic* ma gietx deciza ghad illi kollox gie spostat ghall-kwistjoni li ma hijiex il-bazi li ghalih hareg l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq. Ghalhekk gie li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda dwar kwistjonijiet li ma kienux quddiemu ma ddecidiex dwar il-kwistjonijiet li kienu quddiemu bil-konsegwenza li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tippekka fuq bazi procedurali u formali.

Illi ghal dawn il-motivi l-appellant filwaqt li jaghmel riferenza ghad-dokumenti, sottomissjonijiet u xhieda li ngiebu quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u jirrizerva li jgib dawk id-dokumenti u xhieda u jaghmel is-sottomissjonijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti, jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tannulla, tirrevoka u/jew thassar id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tad-29 ta’ Marzu 2006 li biha cahdet l-appell tal-appellant u kkonfermat l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq tad-9 ta’ Awissu 2004, u skond il-kaz jew tibghat l-atti lura quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ghal provedimenti mehtiega jew fil-waqt li tilqa’ l-appell li kienet ghamlet l-appellant quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjannar thassar l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq tad-9 ta’ Awissu 2004.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 25 ta’ April 2006 a fol. 7 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“David Grima kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp datata 17 ta’ Novembru 2006 a fol. 11 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi dan l-appell mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15 (2)** ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar li jghid hekk:

*'Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)'.*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp,** (deciza fil-31 ta' Mejju 1996) fejn gie spjegat illi:

*'Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi … Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.'*

F'dan il-kuntest issir ukoll referenza ghal numru ta' decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta' fatt u punt ta' dritt u senjatament:

**Frans Cuschieri vs. DCC (10/02 RCP)**
**Santino Gauci vs. DCC (32/01 RCP)**
**Salvu Sciberras vs. PA (26/01 RCP)**

Ilkoll decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Marzu 2003.

2. Illi dan qed jinghad principarjament ghal zewg ragunijiet. L-ewwel wahda fuq il-punt li tqajjem fir-rikors tal-appell li l-okkju huwa zbaljat ghaliex l-applikazzjoni kienet saret minn entita' ohra u mhux minn David Grima. Jekk din il-Qorti tara d-dokument anness ma' din ir-risposta, li hija fotokopja tal-original tal-applikazzjoni originali msemmija fir-rikors u fil-proceduri tal-appell (Dok. CSZ 1), huwa car u inekwivoku illi l-applikazzjoni ghamilha r-rikorrenti David Grima u mhux xi hadd iehor jew xi kumpanija ohra. Barra minn hekk, dan il-punt qatt

ma tqajjem fil-kors tal-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u ghaldaqstant ma tistax tikkostitwixxi punt ta’ dritt deciz mill-Bord.

3. Illi t-tieni punt jirrigwarda l-mertu tal-kaz. Illi fir-rikors tal-appell, l-appellant qal li huwa applika ghall-“refreshment area”, izda mill-applikazzjoni nnifisha jidher car illi l-“proposal” kien “presentation area” u allura l-punt ta’ “refreshments” kellu jkun aspett zghir fi kwadru iehor tal-“presentation”, li dan ukoll ma jikkwalifikax ghall-arja kollha tas-sit.

4. Illi meta wiehed jikkompara x’intqal mill-istess Bord fid-decizjoni tieghu dan kien korrett meta kien qed jitkellem fuq il-kwistjoni ta’ “refreshments” u qal li ***“din l-attivita’ proposta u approvata kienet wahda “de minimis” tant illi parti zghira mill-hanut ta’ ftit iktar minn 40 metru kwadru kellha sservi kemm ta’ “presentation area” kif ukoll “refreshment area”.***

5. Illi ukoll, mix-xhieda tal-Perit Ruben Abela, jidher car illi ir-“refreshment area” kellha tkun parti zghira u ancillari ma’ dik tal-“presentation” u dan kif jidher ukoll mill-pjanti, u mhux parti centrali mill-izvilupp kif kien qed isir. Fil-fatt, kien hemm ukoll il-kwistjoni illi r-rikorrenti biddel it-tabella ta’ barra u ghamilha f’ “Welcome to the Ceramic Art Gallery and Kafe’”.

6. Illi dan kollu wassal ghal bdil materjali fl-uzu tas-sit u ghalhekk il-Bord kien korrett meta ddecieda li jikkonferma l-*“enforcement notice”.*

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, il-Kummissjoni esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant David Grima, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fid-29 ta’ Marzu 2006.

Rat l-applikazzjoni annessa mar-risposta ta' l-appell tal-Kummissjoni appellata bhala Dok. "CSZ" a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Novembru 2006, 22 ta' Frar 2007 u 9 ta' Mejju 2007 fejn fl-ahhar seduta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan l-appell jikkoncerna Avizz biex Tieqaf u ta' Twettiq datat 9 ta' Awissu 2004 kontra David Grima fejn l-istess jghid li kien hemm ksur ta' kontroll fis-sit Bristow Potteries, Crafts Village, Ta' Qali, Attard peress illi:-

*"Ghandek zvilupp mhux skond il-pjanti approvati fil-permess PA 1842/03 datat 09/12/03 billi sar bdil ta' uzu ta' parti mis-sit minn "refreshment area" ghall-"cafeteria".*

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant odjern huwa li hemm nullita' tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar (PAB) peress li d-decizjoni nghatat bl-okkju zbaljat peress li l-isem indikat ma huwiex dak tal-persuna li ntavolat l-applikazzjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi din il-Qorti thoss li dan l-ewwel punt huwa punt ta' dritt, kontrarjament ghal dak sottomess mill-Kummissjoni appellata fir-risposta taghha u hawn il-Qorti qed timxi konformament mad-decizjonijiet **"Anthony Galea vs Il-Kummisjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A.C. – 27 ta' April 2006) fejn gie ritenut li zball ta' din in-natura huwa punt ta' dritt tant li saret riferenza ghas-sentenza **"Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe"** (P.A. 26 ta' Gunju 1957) fejn intqal hekk :-

*"Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta' wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-*

*identita’ ta’ dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200).”*

Illi l-istess fis-sentenza **“Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe”** (P.A. 10 ta’ Dicembru 1963):-

*“…illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta’ xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita’ tal-attijiet u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza.”*

Illi mbaghad fis-sentenza **“Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem tal-attur, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonkludiet :-

*“Dan hu zball ta’ sustanza li l-Qorti ta’ l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio inkwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba** deciza fl-4 ta’ Mejju, 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :*

*‘…din il-Qorti fit-termini ta’ l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta’ li tikkoregi kull zball li jirrizulta f’kull att li jigi pprezentat wara s-sentenza ta’ l-ewwel istanzi imma din il-fakolta’ ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha" (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta’ Dicembru, 1990 fl-ismijiet **Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt** u s-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja,** ukoll deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Marzu, 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta’ l-1995; is-subinciz 2 ta’ l-*

*artikolu 175 infatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kienux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata."*

Illi fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. - 23 ta' April 2001) l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell irreferiet ghas-sentenza moghtija fl-14 ta' April, 1997, fil-kawza **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dan l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat."*

*"Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F'termini legali hemm differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta' individwu kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie wkoll deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **“Catherine Ripard vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino”** (A.I.C. (RCP) – 18 ta’ Novembru 2004) fejn inghad li jekk ikun hemm tali zball dan mhux koreggibbli minn din il-Qorti u wkoll ghad-decizjoni **“Joseph Zammit vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) – 26 ta’ Ottubru 2004) fejn appuntu nghad li proprju minhabba dan din il-Qorti ma ghandhiex is-setgha li tilqa’ t-talba ghall-korrezzjoni u dan ghaliex ladarba l-izball ikun sar fid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar din b’hekk tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista’ jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali. Ghalhekk dan ma jhalli l-ebda dubju li l-ewwel aggravju huwa punt ta’ dritt li hemm appell minnu quddiem din il-Qorti.

Illi jonqos ghalhekk li  jigi nvestigat jekk l-aggravju huwiex fil-mertu fondat jew le, u din il-Qorti thoss, li wara li ezaminat l-atti kollha relattivi, inkluzi dawk fil-*file* relattiv ta’ l-Awtorita’ quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar jirrizulta li tali aggravju ma ghandu ebda bazi u dan peress li jidher li l-atti kollha relattivi jirreferu ghall-appellant odjern David Grima.

Illi fil-fatt l-iktar sinifikanti huwa l-fatt li dan huwa appell minn Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq (ECF640/04) li nhareg fid-9 ta’ Awissu 2004 kontra l-istess David Grima, u l-applikazzjoni ta’ l-appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mill-istess Avviz li saret fit-13 ta’ Settembru 2004 saret appuntu mill-istess David Grima bhala l-persuna li, kif jghid huwa stess fl-istess appell, giet notifikata  permezz ta’ ittra datata 9 ta’ Awissu 2004 bl-istess avviz, u b’hekk sar l-appell minnu skond il-ligi, kif ovvjament il-persuna hekk notifikata ghandha dritt li taghmel.

Illi konsistentement ma’ dan kollu inghatat id-decizjoni fl-ismijiet indikati ta’ “David Grima vs Il-Kummissjoni ghall-

Kontroll ta’ l-Izvilupp” fid-29 ta’ Marzu 2006 mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u b’hekk tali decizjoni hija wahda valida u regolari.

Illi l-punt imqajjem mill-appellant li l-applikazzjoni saret presumibbilment f’isem haddiehor ma taffetwax il-korrettezza tal-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-l-Ippjanar u d-decizjoni moghtija mill-istess organu u dan peress li l-Avviz imsemmi nhareg kontra l-appellant odjern u l-appell quddiem il-Bord sar minnu stess u ghalhekk id-decizjoni kellha tinghata f’ismu u dan peress li kien huwa li istitwixxa l-procedura ta’ appell mill-istess Avviz, u dan biss huwa dak li huwa rilevanti ghall-kwistjoni odjerna.

Illi ghall-grazzja tal-argument jinghad ukoll ghall-mod kif gie mpostat dan l-ewwel aggravju mill-appellanti, li dak li gie sottomess mill-appellanti lanqas huwa korrett, anke jekk jigi biss ghall-argument koncess li l-mod kif saret l-applikazzjoni ghall-izvilupp hija b’xi mod rilevanti ghad-determinazzjoni tal-punt in ezami, u dan peress li jirrizulta mid-dokumenti relattivi li l-istess saret mill-imsemmi David Grima. Dan jirrizulta kemm mid-dokument esebit mar-risposta ta’ l-appell tal-Kummissjoni appellat (Dok. “CSZ 1”) u wkoll mill-atti relattivi ta’ l-istess applikazzjoni fil-*file* ta’ l-appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar. B’hekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li qed jinghad li dak li kellhu jigi deciz mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar f’appell qudiemu interpost kien biss jekk kienx hemm bdil fl-uzu minn *refreshment area* ghal *cafeteria*, izda skond l-appellanti, li ghamel il-Bord kien biss li ddecieda jekk tali permess kienx sar skond il-pjanti approvati, b’dan li l-istess appellant konsegwentement qed isostni li l-istess Bord ta’ Appell ma ndirizzax il-kwistjoni li kien hemm quddiemu u cjoe’ jekk kienx hemm bdil ta’ uzu kif indikat fl-istess Avviz, u ghalhekk qed jghid li l-Bord ma iddecidiex fuq il-kwistjoni li kellu quddiemu.

Illi din il-Qorti thoss li dak li qed jaghmel l-appellanti huwa li jipprova jittenta johloq l-illuzzjoni li dak li ghandu jigi hawn deciz huwa punt ta’ dritt, meta fil-fatt mhux il-kaz;

dan qed jaghmlu peress li qed jallega li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecidiex il-kwistjoni unika li giet sottomessa quddiemu u cjoe’ jekk kienx hemm bdil ta’ uzu minn *refreshment area* ghal dik ta’ *cafeteria*, izda kull ma ghamel kien biss li ra jekk l-uzu ndikat huwa konformi mal-permess li kellu l-appellanti u b’hekk skond huwa l-Bord iddecieda dwar punti li ma kellux jiddeciedi u ma ddecidiex dak li kellu jiddeciedi – u fi kliem iehor ma trattax il-mertu ta’ l-appell li gie sottomess quddiemu mill-apellant innifsu.

Illi din il-Qorti tirrileva li l-appell li sar quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kien fis-sens li l-avviz imsemmi kien sar hazin peress li ma kien hemm l-ebda bdil ta’ uzu minn *refereshment area* ghal *cafeteria*, b’dan li sostna li attivita’ li baqghet issir fl-istess fond kienet dik ta’ *refreshment area* u kollox sar skond il-permess ezistenti u skond il-licenzji tal-Malta Tourism Authoity.,

Illi l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar indika li l-permess li kellu l-appellanti skond il-permess ta’ zvilupp numru 1843/03 kien ghall-holqien ta’ *audio visual presentation area showing history and the production of the traditional local pottery trade et*., b’dan li evalwat li skond il-pjanta PA1842/03/22A approvata u ndikata bhala *“Details of Refreshment Area”* din l-attivita’ hekk proposta kienet wahda ta’ entita’ zghira tant li kellha tiehu mhux iktar minn 40 metri kwadru mill-hanut, liema area kelha isservi ta’ *presentation area* u *refreshment area*; fil-fatt gie ndikat li tali *refreshment area* kienet intiza li tkun parti ancillari mill-*presentation area*, izda l-izvilupp kif sehh jidher li kien li estenda s-servizz ta’ *cafeteria* li jinkwadra ruhu fi klassi numru 6 tal-*Uses Classes Order* ghall-*presentation area* kollha bil-konsegwenza li l-istabbiliment gie jikkomprendi stabbiliment zghir ta’ l-ikel, bid-differenza li dan jinsab imzejjen b’oggetti tal-fuhhar, u dan ma kienx skond il-permess li l-apppellanti kellu f’idejh, u b’hekk kien jikkonsisti fi bdil ta’ uzu tal-fond jew parti mill-fond indikat u mhux skond il-pjanti approvati u ghalhekk il-hrug ta’ l-avviz kien gustifikat.

Illi dan ifisser li l-istess Bord ta' l-Appell fil-fatt ezamina l-mertu ta' l-appell lilu sottomess, u cjoe' ghamel ezami jekk kienx hemm bdil ta' uzu jew le fis-sit in kwistjoni, ezami li necessarjament jimplika u jinkludi ezami ta' x' kien il-permess li kellu l-istess appellant u wara li jigi determinat jekk l-uzu attwali ta' l-istess fond bhala *cafeteria* kienx konformi mal-permess ezistenti – haga li effettivament il-Bord sab u kkonkluda li ma kienx. B'hekk ma hemm l-ebda dubju li minn qari ta' l-istess sentenza ben motivata ta' l-istess Bord dan ittratta sew l-aggravju ta' l-appellant jekk kienx hemm bdil ta' uzu, u li tali ezami kien necessarjament jinvolvi fil-kaz in partikolari jekk tali uzu kienx konformi mal-permess ezistenti, ma jfisser bl-ebda mod li l-Bord ma ddecidiex fuq punti li ma kienx hemm quddiemu, izda in effetti jfisser li l-istess Bord tratta l-mertu ta' l-appell u iddecieda skond l-istess, b'mod li ha konjizzjoni tat-talbiet u sottomissjonijiet ta' l-appellanti quddiemu u tratta l-istess b'mod ezawrjenti – ezami li kien necessarjament jinkludi l-ezistenza tal-permess ta' l-appellant u jekk l-attivita' ndikata fl-avviz kenitx konformi ma' l-istess, ghaliex jekk ma kenitx din kienet tammonta ghall-akkuza ta' bdil ta' uzu imsemmi fl-avviz li sar l-appell minnu mill-istess appellant.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li dan l-aggravju huwa wkoll kompletament bla bazi ghaliex mhux minnu li l-Bord ma ddecidiex dwar kwistjonijiet li kien hemm quddiemu izda iddecieda dwar kwistjonijiet li ma kienux quddiemu sottomessi; anzi din il-Qorti thoss li d-dicitura u l-mod kif dan l-appell gie nterpost quddiem din il-Qorti kien biss tentattiv sabiex l-appellant jipprova johloq punt ta' dritt li ghalih hemm dritt ta' appell quddiem din il-Qorti, meta fil-verita' punt ta' dritt ma kienx hemm.

Illi mhux hekk biss izda ladarba kif gie stabbilit f'dan l-appell l-aggravju li kien sottomess mill-appellanti kien necessarjament jinvolvi nterpretazzjoni tal-permess li effettivament gie mahrug lill-appellant u allura jekk l-uzu li kien qed isir mill-fond kienx konformi ma' l-istess permess jew kienx in effetti bdil ta' uzu hekk kif indikat fl-avviz mertu ta' dan l-appell, dan kollu jimporta punt ta' fatt, ghaliex l-interpretazzjoni ta' l-istess permess u jekk

hemmx bdil ta' uzu huma nterpretazzjoni u konstatazzjoni ta' fatt fil-kompetenza esklussiva tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u mhux suggett ghall-appell quddiem din il-Qorti.

Illi hawn issir riferenza ghad-decizjonijiet **"John Calleja u Theodora ghan-nom u in rapprezentanza ta' J Calleja (Caterers & Wholesalers) Ltd. Trading kontra Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** (A.C. – 27 ta' Jannar 2006) u **"Charles Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. – 27 ta' Ottubru 2005) u **"Mario Gauci vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) - 27 ta' Ottubru 2005) fejn dawn is-sentenzi jindikaw b'mod konsistenti li l-interpretazzjoni ta' x' inhu l-permess u jekk l-attivita', uzu jew l-izvilupp lamentat fl-avviz mahrug skond il-ligi huwiex konformi mal-permess huma kollha punti ta' fatt fil-kompetenza esklussiva ta' l-istess Bord u mhux suggett ghall-appell quddiem din il-Qorti. Din hija l-posizzjoni llum saldata u d-dicitura wzata mill-istess appellant ma tbiddel xejn mill-fatt li effettivament dan kien appell minn punti ta' fatt u mhux minn punt ta' dritt – anke ghaliex l-istess Bord ta' l-Appell tratta b'mod preciz u ezawrjenti l-aggravji mressqa quddiemu, li kien necessarjament jinvolvi *inter alia* nterpretazzjoni tal-permess ezistenti. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi kollu kemm huwa michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' ir-risposta ta' l-appell tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp biss inkwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn deciz u dan fir-risposta taghha ta' l-appell datata 17 ta' Novembru 2006, **tichad l-appell interpost mill-appellant David Grima skond ir-rikors ta' l-appell tieghu tal-11 ta' April 2006** *stante* li huwa nfondat kif fuq deciz u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar

fl-ismijiet **"David Grima vs Il-Kummisjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** datata 29 ta' Marzu  2006.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-appellant David Grima.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------